**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

Id-Disa' Leġislatura

**Laqgħa Numru Tnejn u għoxrin (22)**

**24 ta' Novembru 2025**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq It-Tiġrija. Il-laqgħa tal-kunsill bdiet fil-17.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

**Victor Curmi- Sindku**

**Dr. Christian Zammit - Kunsillier**

**Dr Francienne Muscat- Kunsilliera**

**Marion Rita Portelli- Kunsilliera**

**Leanne Micallef- Kunsilliera**

**Dr Kevin Cutajar- Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**Aaron Aġius – Viċi Sindku**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

**22.1 Talba**

Intqagħlet talba tal-bidu flimkien. Is-Sindku s-Sur Victor Curmi ippresieda l-laqgħa.

**22.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Il-Kunsill ma irċeviex ittri ta' apoloġija.

**22.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 21 u Skeda ta' Pagamenti 10;**

Il-minuti tal-Laqgħa Nru 21 kif ukoll l-Iskeda ta' pagamenti No 10 ġew iċċirkulati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

Dawn ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Għal daqstant dawn huma meqjusa bħala dokumenti uffiċċjali.

**22.4 Komunikazzjoni tas-Sindku u mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

Is-Sindku Victor Curmi informa lill-membri li l-Bill of Quantities tal-proġett Playingfield għandu jkun lest sa nhar it-Tnejn u dan jgħaddi minnufih għall-approvazzjoni ta' Project Green.

Is-Sindku Victor Curmi tah update ukoll dwar iċ-Ċentru Ċiviku fejn spjega li x-xogħol jinsab wieqaf minħabba diskrepanzi fil-pjanti u qed nistennew il-pjanti ġodda mingħand il-Perit tal-Proġett. Ġie diskuss ukoll il-fatt li nġibdet l-attenzjoni tal-Perit kemm il-darba sew mis-Seg. Eżekuttiv kif ukoll mis-Sindku sabiex jirregola ruħhu. Dan għandu jippreżenta r-rapporti kif ukoll ix-xogħol kollu mistenni minnu hekk kif jistipula l-Kuntratt. Il-Perit ġie notifikat b'dan anka bil-miktub.

Ġie diskuss ukoll il-kwistjoni tal-lavur u l-problema ta' nuqqas ta' ġebla tal-franka fis-suq bi prezz instabbli li qiegħed dejjem jiżdied. Kien hemm qbil li napplikaw għal approvazzjoni ta' direct order biex il-proġett ikun jista jkompli mill-aktar fis.

<u>Mistoqsijiet mill-Kunsilliera Francienne Muscat dwar:</u>

- Se ssir il-Clean up ir-Ramla flimkien mal-istudenti tal-iskola Primarja nhar il-Ġimgħa, 28ta' Novembru 2025.

- Kienx hemm risposta minn MGP dwar meta se jibda x-xogħol fi Triq Karkar

Il-Kunsill qiegħed jibgħat reminders regolari pero' għadna bla risposta.

- Kienx hemm risposta minn MGP dwar Inizjattiva ta' Toroq minn MGP u kif se nindirizza il-problema tas-Sinjur Refalo.

Il-Kunsill bagħat il-lista ta' toroq fis-7ta' Novembru u għad ma rċivejniex risposta.

-Bandli tax-Xagħra u Ċentru Ċiviku

Tah update dwar dawn is-Sindku Victor Curmi aktar il-quddiem fil-laqgħa.

- Telephone Box fil-Pjazza

Il-Kunsill ma rċieva l-ebda risposta mill-GO. Ir-Reġjun Għawdex ukoll kiteb lil GO dwar dan.

- BCRS – Kienx hemm risposta dwar il-possibilta' ta' rilokazzjoni lejn Triq tat-Tafla.

Il-Kunsill huwa nfurmat li l-BCRS għadhom qed jistennew feedback min naħa ta' TM u Lands.

- Fairy lights fil-Pjazza jekk hux se jkunu lesti biex jixgħelu sal-bidu tas-Sajf

Tkellimna ma tal-Armar u se jkunu qed jtuna stima għal dan l-armar.

- Meta se jsir ix-xogħol ta' resurfacing fi Triq il-Knisja u Triq it-Tiġrija

Is-Sindku Victor Curmi wieġeb li l-Perit infurmah li suppost jibdew il-ġimgħa d-dieħla jew ta' wara.

- Irċivejniex update mill-MGP dwar il-proġett ta' Calypso u jekk ħarġitx it-tender?

Il-Kunsill kiteb lid-Direttur Ġenerali dwar dan pero għadna ma rċivejniex risposta.

- Jekk hux lesta l-BOQ ta' Sqaq in-Nenus

Il-Perit bagħtha illum pero' trid tiġi riveduta biex tinkludi biss l-area li qed jindika l-Kunsill. Malli tkun għandna nibgħatuha lil MGP.

- Hemmx update dwar it-trinek tal-pjazza

L-Inginier tal-Enemalta nfurmana li l-Kuntrattur jista jiġbor il-cables biex ikompli, pero konna qegħdin naraw jekk il-kaxxi tal-pjazza jistgħux isiru iżgħar. Il-Kuntrattur infurmana li dawn il-kaxxi ġew provduti mill-Enemalta u għalhekk is-Sindku se jkun qed jikkomunika mal-Inġiniera biex jara x'possibilitajiet hemm sabiex jintużaw oħrajn iżgħar qabel ma jitkompla l-proġett.

- Hemmx updates dwar Traffic Management ta' Triq Mforn u Triq il-Knisja, Pjazza Sant Anton u tal-Mitħna. Jekk ġietx inkluża wkoll il-give way qrib il-Loġġa kif kien mitlub minnha.

Ingħata update – Pjazza tal-Mitħna – skond l-iskema tal-PA, l-area kollha tan-nofs tal-pjazza hija intiża għal green area u l-Perit infurmana li TM ma jistgħux japprovaw xi

ħaġa differenti mill-iskemi tal-PA. Dwar Pjazza Sant Anton qed nistennew mingħand il-Perit, dwar Triq Mforn u Triq il-Knisja, l-Perit ser jerġa jiltaqa ma TM.

- Hemmx żvilupp dwar il-proġett ta'ċangatura ta ħdejn il-Mitħna

Qed nistennew mingħand il-Perit

- Kienx hemm xi żvilupp dwar il-possibilta' ta' rural funds mill-MGP sabiex issir Triq Pergola.

Ma kienx hemm żvilupp. Din it-triq ma kinitx inkluża fl-EU funding ta Eco Gozo.

- Rigal għal Arċipriet il-ġdid

Il-Kunsill ipprepara rigal żgħir.

- Nattivita ħdejn in-Nuffara, jekk tlestix id-disinn u hemmx idea ta' spiża.

Is-Sindku Victor Curmi ppreżenta ritratt ta' disinn li kien fih Ġesu f'maxtura u l-kliem il-Milied it-Tajjeb, disinn li ġie ppreparat mill-Artist Paul Stellini. Il-Kunsill se jkun qed iħallas għal materjal. Kien hemm qbil dwar dan.

- Hemmx żvilupp dwar ix-xogħolijiet li jridu jsiru fi Triq Ġnien Imrik minn MGP

Is-Sindku Victor Curmi wieġeb li din qed jieħu ħsiebha l-Perit tal-MGP, Godwin Sultana.

- Jekk hemmx update mill-Green MT dwar meta se jibdew jiffunzjonaw il-cameras tal-Bring in site. Jekk kienx hemm żvilupp dwar il-Bicycle rack li kellha ssir ir-Ramla.

Il-cameras tal-Bring in Site għadhom ma bdewx jaħdmu u għaddejja korrispondenza regolari dwar dan. Dwar il-Bicycle racks kien hemm qbil li dawn jitpoġġew minflok il-lockers u se jintbgħat ritratt sabiex jidentifika eżatt il-post.

- Hemmx xi update dwar iz-zebra crossing ta' fejn il-Knisja fi Triq it-Tiġrija u l-Belvedere tal-Qaċċa.

Ma kellniex update dwar dawn.

- Xi update dwar Ġemellaġġ ma' Rahovec, Kosovo

Għadna ma ħdimniex dwar dan.

<u>Mistoqsijiet mill-Kunsillier Kevin Cutajar dwar:</u>

- Ilment tar-residenta fi Triq 28ta' April 1688

Issa li għandna f'idejna kopja tal-masterplan, se nerġgħu nfakkru lill-Perit jipprovdi gwida ta kif jistgħu jsiru s-signs kif kien ġie miftiehem.

- Ilment tal-BCRS – Dan diġa ġie mwieġeb.
- Funtana fil-Ġnien tal-Mitħna

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li llum ġejna notifikati li l-applikazzjoni taħt l-iskema SPI/SCI/06/2025 għal manutenzjoni tal-funtana u l-madwar ġiet milqugħa u ser ningħataw il-fondi għal dan il-proġett.

- Cat Zebra Crossing u linji sofor mal-cat hotel fil-Kortoll

Il-linji sofor saru. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li wara li nġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill minn TM, l-Kunsill s-sottometta DNO application u qed nistennew l-eżitu tagħha. Meta din tiġi approvata nissottomettu t-talba għal-paw prints lil TM għal approvazzjoni tagħhom.

Mistoqsijiet mill-Kunsilliera Leanne Micallef:

- Semmiet li l-Autumn Fest marret tajjeb ħafna. Is-Sindku Victor Curmi semma l-bżonn li għal darba oħra bħala kunsill nżommu mad-dati li nkunu ftehmna magħhom oriġinarjament. Kien hemm qbil dwar dan.
- CCTV cameras – Il-Kuntrattur qiegħed fi proċess li jiffinalizza l-galvanizzar tal-arbli u għalhekk huwa proġettat li x-xogħol jibda jeħel għal-aħħar ta' Novembru.
- Bins fl-Għejjun weħlux – Iva weħlu.
- Update dwar ix-Xogħolijiet fin-Nazzarenu – TM infurmawna li baqa xi xogħol xi jsir u għalhekk għadhom ma tneħħewx il-one way signs.
- Staqsiet għal update dwar street hump fi Triq Sruġ.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat tweġiba li rċivejna minn TM fejn qed jipproponu li din issir kollha linji sofor. Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta. Is-Sindku Victor Curmi nfurma lill-membri preżenti li minħabba li ġew ir-residenti jilmentaw dwar ħsara li se jsofru minn ilmijiet kawża tal-istreet hump li kienet qed issir fi Triq G. Diacono, ix-xogħol waqaf. Iltaq fuq il-post mar-residenti flimkien mal-Perita u ġie ssuġġerit li dan ix-xogħol ma jitkomplix. Is-Sindku semma li din kienet qed issir fuq talba tal-pulizija minħabba t-tfal tal-iskola u għalhekk infurma wkoll lis-Superintendent dwar din is-sitwazzjoni. Kien hemm qbil li x-xogħol ma jitkomplix u din il-hump ma ssirx.

- Update dwar Triq Karkar – Diġa ġiet imwieġba
- Update dwar il-Christmas Market - Dan ingħata mis-Segretarju Eżekuttiv.
- Update dwar ic-Civic Centre – Diġa ġiet imwieġba.

Mistoqsijiet mill-Kunsilliera Marion Portelli dwar:

- CCTV cameras – Diġa ġiet imwieġba
- Ċentru Ċiviku – Diġa ġiet imwieġba

- Jekk tistax issir give way fin-niżla tas-Sellum – Kien hemm qbil li nressqu t-talba lil TM.
- Jekk kienx hemm tweġiba mingħand il-Perit Mariello Spiteri dwar Triq it-28ta' April. – Din ġiet diskussa fil-punt li jmiss.
- Jekk kienx hemm żvilupp fit-taħdidiet mal-Muniċipilita ta' Rahovec – Diġa ġiet imwieġba
- Jekk kienx hemm żvilupp dwar il-proġett tal-Playingfield – Diġa ġiet imwieġba.
- Bżonn ta' tindif u ħart tal-playingfield – It-tindif se jsir aktar frekwenti.

**22.5 Kunsiderazzjoni ta'xogħol mill-Minuti preċedenti;**

Is-Sindku Victor Curmi informa lill-membri li għadna ma rċivejniex lura mingħand il-Perit Mariello Spiteri u llum l-Kunsill irċieva wkoll Protest Ġudizzjarju.

*Is-Sindku Victor Curmi ssospenda l-laqgħa għal ftit.*

Wara diskussjoni fit-tul dwar it-28ta' April 1688, il-Kunsill unanimament qabel fuq pjan ta' kif għandna nimxu.

Il-Kunsillier Kevin Cutajar staqsa jekk kienx hemm żvilupp dwar il-monument Malta rebbieħa li kien ġie diskuss fl-aħħar laqgħa. Is-Sindku Victor Curmi wieġeb li għadu se jiltaqa ma dawk involuti.

**22.6 Kollaborazzjoni ma Ħeritage Malta**

Fur proposta tal-Kunsilliera Francienne Muscat li ġiet sekondata mill-Kunsillier Kevin Cutajar tressqet għad-diskussjoni il-possibilta' ta' kollaborazzjoni.

Il-Kunsillier Kevin Cutajar ressaq proposta li l-Kunsill jidħol f'kollaborazzjoni ma Ħeritage Malta biex isir 3D design tal-Mitħna kif ukoll tal-Ġgantija fost oħrajn u dan b'fondi ewropew. Kien hemm qbil ma dan.

Il-Kunsilliera Francienne Muscat ipproponiet ukoll li b'kollaborazzjoni ma Heritage Malta jsir poster li joffri l-informazzjoni dwar ir-ruins li jinsabu fir-Ramla. Kien hemm qbil ma dan.

**22.7 Traffic Management – Triq Sruġ, Triq Marsalforn, Triq tas-Sellum u l-Pjazza tax-Xagħra,**

Triq Sruġ – Ġiet diskussa aktar il-fuq

Triq Marsalforn – Ġiet ippreżentata l-proposta ta' TM għat-talba tal-Kunsill sabiex isir bollard tal-plastic. Il-Kunsill qabel mal-proposta ta' TM.

Triq tas-Sellum – Ġiet diskussa l-bżonn li jsiru Give-Ways f'din it-triq. Kien hemm qbil li jsiru. Il-Kunsilliera Francienne Muscat issuġġeriet ukoll li jsiru aktar dwal f'din it-

triq minħabba li hija mudlama ħafna. Is-Sindku Victor Curmi nfurmha li hemm problema ta' konnettivita minħabba d-dwal kif ukoll li parti minn din it-triq tagħmel mar-Rabat.

Pjazza tax-Xagħra – Il-Kunsilliera Francienne Muscat ssuġġeriet li jitpoġġew in-no parking signs fil-pjazza biex jiġu evitati d-double parkings. Kien hemm qbil li nippruvawhom u naraw kif immorru. Issuġġeriet ukoll li tingħalaq il-Pjazza kull nhar ta' Sibt jew kull ħmistax. Is-Sindku Victor Curmi semma l-problema ta' nuqqas ta' uffiċċjali tal-LESA u TM peress li dawn ma jaħdmux wara 19.00 u ovjament biex dan isir irid ikun hemm uffiċċjal matul il-ħin tal-għeluq. Kien hemm qbil sabiex din il-materja terġa tiġi diskussa aktar il-quddiem.

**22.8 Attivita' tal-Għid;**

Is-Sindku Victor Curmi ssuġġerixa li bħal ma sar is-sena l-oħra nerġgħu noffru l-korsijiet tal-figolli u l-qassatat għat-tfal. Dan bl-involviment tal-għaqdiet lokali bħal ma huma l-iscouts. Kien hemm qbil dwar dan.

**22.9 Rapport Finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena.**

Is-Segretarju Eżekuttiv ipprezentat r-rapport finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena li kien approvat unanimament.

**22.10 Qari tal-Korrispondenza u lmenti mir-residenti;**

- Fixed Asset Register – Quote mingħand l-Accountant ta' €2500 plus VAT. Kien hemm qbil sabiex nipproċedu b'dan.

- Talba għal permess ta' Divertiment fil-ġranet tal-Milied minn stabiliment fil-Pjazza; Kien hemm qbil li jingħata permess sal-22.00 matul il-Ġimgħa u sal-23.00 f'weekends u festi bil-kundizzjoni li l-volum ikun wieħed raġonevoli.

- Komunikazzjoni minn Transport Malta dwar il-proċeduri ta' applikazzjonijiet għal parkeġġ riservat. Dawn iridu jibdew isiru online. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

- Talba għall-kollaborazzjoni mingħand Fr. Joe Said għall-attivitajiet tal-Milied – €500 Purċissjoni pageant bis-sehem ta' folk group u wirja ta' presepji €400. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikkolabora bl-ammont sa mhux aktar minn €300 fil-pageant u mhux aktar minn €200 biex tittella wirja ta' presepji.

- Talba għall-kollaborazzjoni mingħand l-Għaqda Armar sabiex tittella l-attivita nhar is-Sibt, 22 ta' Novembru. Minħabba d-data din kienet ġiet iċċirkulata minn qabel u kien hemm qbil li nikkolaboraw sa massimu ta' €200.

- Talba għall-kollaborazzjoni tal-festa li jmiss ta' Sant Anton Abbati liema festa se issir nhar il-Ħadd, 18ta' Jannar 2026. Qed jitolbu li l-Kunsill jikkolabora billi joffri s-servizz tal-Banda u l-istampar tal-fuljett. Kien hemm qbil ma dan.

- Spejjeż ta' materjal għad-dwal tal-Milied. Spiża ta' bejn €4000 u €5000. Kien hemm qbil ma dan.

-Ċirkulari numru 4/2025 – Għeluq is-Sena Finanzjarja 2025. L-abbozz tal-istqarrijiet finanzjarji għandhom jintbgħatu sas-27ta' Frar 2026. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

- Irċivejna l-informazzjoni dwar l-Allokazzjoni Finanzjarja tal-Kunsilli Lokali. Ġie nnottat li l-fond ta' aġġustmanet żdid minn €3K għal €7K. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

- Ġie ffirmat il-ftehim man-National Literacy Agency sabiex isir sidewalk library f'żoni pubbliċi miftuħa. Ġie ffirmat ukoll il-ftehim għall-Public Library. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

- Imejl mill-Kumitat tat-toroq dwar il-bżonn li jingħata isem uffiċċjali lil triq li bħalissa hija mmarkata bħala Triq Laurent Ropa. Il-Kunsillier Christian Zammit spjega li l-post indikat bl-aħmar hija filfatt Triq Laurent Ropa u ż-żona indikata bit-tikek huwa sqaq. Se nikkomunikaw dan lilll-Kumitat.

- Talba mingħand resident biex triq ġdida off Triq it-tiġrija tissemma Triq tax-Xengulin. Qed jitlob ukoll li l-Kunsill jissottometti t-talba lill-MGP sabiex din issir bit-tarmak. Kien hemm qbil dwar dan

- Ġejna nfurmati li l-applikazzjoni tagħna taħt l-iskema SPI/SCI/06/2025 fejn applikajna għal xogħol ta' manutenzjoni fuq il-fontana tal-Mitħna u l-madwar ġiet milqugħa. Kien hemm qbil sabiex nipproċedu ħalli jkun jista jibda dan ix-xogħol.

- Korrispondenza dwar filmati minn Ansek bl-isem Flimkien, Kunsilli Aqwa, li se jkunu disponibbli online. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

- Il-Kunsill irċieva talba minn resident sabiex jingħata n-No objection biex issir tinda ta' karozzin fi Triq l-Imqades. Is-Sindku Victor Curmi kif ukoll il-Kunsilliera Francienne Muscat iddikjaraw kunflitt ta' nteress u għalhekk fit-20.30 huma iritiraw mill-kamra. Il-laqgħa tkompliet bil-Kunsilliera Marion Portelli tippresedi l-laqgħa. Wara diskussjoni, ġie deċiż li minħabba diversi raġunijiet, għandna nitolbu sabiex jiġi identifikat post alternattiv, nistaqsu dwar x'rotta hemm ħsieb li tintuża kif ukoll l-pjan ta' kif se jsir it-tindif.

*20.55 Is-Sindku Victor Curmi u l-Kunsilliera Francienne Muscat daħlu lura fil-kamra.*

- Ċirkulari 07/2025- Inizzjattiva – Apprezzament tal-Mużika fi Klabb 3-16 – Ftehim bejn l-FES u l-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda biex isir programm ta' lezzjonijiet. Kien hemm qbil ma dan.

- Korrispondenza mingħand Gozo Association for the Deaf dwar sensiela ta' talks dwar in-nuqqas tas-smiegħ li qed jiġu proġettati li jsiru bejn Marzu u Mejju 2026. Il-Kunsill qabel li juri l-interess f'dawn il-korsijiet.

Ilmenti

No 61 – Talba mingħand resident sabiex issir Blue Bay fi Triq l-Għar ta' Xerri. Nistaqsu jekk il-propjeta tiegħu fihiex garaxx.

No 62 – Talba għal doggy bin akbar fi Triq Bullara – Se nieħdu ħsieb li jitnaddaf aktar frekwenti.

No 63 – Talba għal doggy bin fi Pjazza San Anton – Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

Ġie diskuss ukoll is-sitwazzjoni tad-derilict vehicles u l-Kunsillier Kevin Cutajar se jkun qed jibgħat kopja tal-liġi lill-membri kollha.

**22.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-21.30pm u ġiet aġġornata għal-Ħamis, 18 ta' Diċembru 2025 fis-17.00pm

Konfermati illum Il-Ħamis, 18 ta' Diċembru, 2025

**IFFIRMATA**

**Victor Curmi**
**Sindku**

**IFFIRMATA**

**Heidi Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**